MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Numru 109/2007

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

Vs

Ruben Mercieca

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ identita’ numbru 15381(M), akkuzat talli: nhar it-3 ta’ Jannar 2007 ghall- habta ta 6.30pm gewwa Triq Danny Cremona Pieta ikkometta hsara volontarja fuq vettura Nru DBC076 tal- ghamla Daihatsu Chraade ghad-dannu ta’ Charles Paul Muscat minn Sannat Ghawdex u dan ai terminu tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Fuq ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat il-Qorti qeghdha ssibu hati tar-reat dedott.

Semghet lill-parti leza jiddikjara li l-imputat hallas id-danni kollha kkagjonati.

Fic-cirkostanzi u wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kap 9 qeghdha l-Qorti tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 325 tal-Kap 9 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ sena mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu derivanti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------